# QORTI CIVILI-PRIM AWLA
# ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.
# Imhallef

**Rikors Ġuramentat 808/2019MH**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Dr. Edric Bonello (K.I. numru. 271799(M) u Martu Ann Bonello nee' Mifsud (K.I. numru 316068(M)**

**Illum 8 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premesss illi

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewgt kuntratti l-ewwel wiehed in atti n-Nutar Dottor Carmel Mangion, datat 22 ta' Lulju 2002 (Dok. 'A') u t-tieni wiehed in atti Dottor Peter Carbonaro datat 12 ta' Settembru 2007 (Dok. 'B') u ghal erba' skritturi privati datati 2 ta' Mejju 2006, 1 ta' Lulju 2009, 10 ta' Awwissu 2010 u 19 ta' Awwissu 2011 (Dok. 'C'), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud.

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud fis-somma ta' seba' mija u wiehed u tletin elf, sitt mija u hdax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€731,611.75) bilanc ghad-debitu fil-"*House u Business Loan Accounts*" ta' Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D8", Dok. "E1 sa E7",

Dok. “F1 sa F6”, Dok. “G1 sa G3”, Dok. “H1 sa H4” u Dok. “I1 sa I2”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mil-22 ta’ Gunju 2019 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee’ Mifsud;

   (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati,

   (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew,

   (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee’ Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenuti Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee’ Mifsud gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta’ Ottubru 2016 li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok "J", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex Din il-Qorti Tilqa it-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee’ Mifsud (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u

skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud jhallsu flimkien u "*in solidum*" lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u tletin elf, sitt mija u hdax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€731,611.75) bilanc ghad-debitu fil-"*House u Business Loan Accounts*" ta' Dr Edric Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D8", Dok. "E1 sa E7", Dok. "F1 sa F6", Dok. "G1 sa G3", Dok. "H1 sa H4" u Dok. "I1 sa I2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mil-22 ta' Gunju 2019 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Mingħajr pregudizzju għall-somom oħra ta' flus dovuti mil-konvenuti Dr Edric Edward Paul Bonello u martu Ann Bonello nee' Mifsud lis-soċjeta` attriċi li għalihom is-soċjetà attriċi qed tipprocedi f'ġudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru 2016 (Dok. "J") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni

Rat li notifikati l-konvenuti baqgħu inadempjenti fil-presentata tar-risposta tagħhom

Rat li ma ġew presenatai ebda noti ta' sottomissjonijiet kif konċess fl-aħħar seduta[1]

Rat lil-kawza tħalliet għas-sentenza in difetto ostakolo.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

[1] 22 ta' Jannar, 2020 folio 48

Rat in partikolari l-affidavit ta' Johanna Bartolo in rappresentanza tal-Bank kreditur li n suċċint spjegat illi l-konvenuti intimati naqqsu milli jħallsu l-pagamenti  dovuti lil bank kreditur kif stipulat fl-iskritturi privati esebiti u msemmija fir-rikors ġuramentat, ukoll li kienu inadempjenti fl-obbligi oħra assunti fl-imsemmija skritturi, ukoll illi kien hemm bidliet materjali fiċ-ċikostanzi tad-debituri li jipperikolaw u jaffettwaw ħażin il-posibbilta' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lil bank kreditur.

Rat lil debituri konvenuti  ma ressqu ebda difiza għal din ix-xilja.

Illi konsegwentement qegħda tilqa t-talbiet kollha kif dedotti u tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati imsemmija u esebiti mar-rikors ġuramentat, partikolarment imma mhux esklussivament, lil konvenuti konjugi Bonello naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lil bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntrattti u skritturi privati, ukoll kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati  u/jew li hemm biddliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta'  l-istess debituri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħazin il-possibilta' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' atttriċi.

Konsegwentement qegħda tikkundanna lil Edric u martu Ann Bonello  nee' Mifsud jħallsu flimkien u in solidum lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' seba' mija u wieħed u tletin elf, sitt mija u ħdax il-Ewro  u ħamsa u sebgħin ċentezmu (€731, 611.75)   bilanċ dovut għad-debitu fil-*Housing u Business Loan Accounts* ta' Dr.Edric u Ann Bonello nee' Mifsud mal-Bank of Valletta flimkien ma l-imgħax ulterjuri mill-22 ta' Gunju, 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ottubru, 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru  presentat kontestwalment.

**Onor Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**